# IL BON PASTUR

**KARI MALTI TA CULL XAHR**

**Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh**

IMBIEREСH MILL PAPA LEONE XIII.

*Jen ir-raghai tajieb: u 'naghraf in-naghgiet tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S. Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplenae promovendae operam navatis...i Apostolicam Benedictionem, auspricem coelestium gratiarum Omnibus pro quibus postulastis.*

*Littra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur*, 11 Giugnu 1881 muetka b' ohra tal 25 ta Ottubru 1884.

*Min irid jissieheb* ihallas Hames soldi cull sitt xuhur u ghal barra min Malta bill postag: il klieh imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

It-Disa Sena — 1887 — Nu. 5 Mejju

## LA PICCOLA CASA DI S. GIUSEPPE

Chif ghedna ix xaghar li ghadda illi chellu isir, ecch fil 4 ta dan mejiu, nar S. Monica, bdiet din id-dar mkadza. Tlet-t'-ahua mill Compagnia di S. Orsola, marru figha jaghmlu communità u bdeu jilkghu xi tfal, min ta 9 xiur u min ta sena u min ta izied hatt izda ma ua ta fuk erba snin. Dan jintghamel sabiex ommom tista tmur tahdem : u jecch jinsab li ia oziusa, il-loch ta bina jintghata lill hattiehor. Bosta uhud ma fehmux x' inù il fini ta dan l' istitut u jitolbu li izommulom l' uliedom biex jehilsu minnom u din ighedula carità. Izda l' Istitut ua maghmul biss biex igieghel illi il fkir jista jahdem u min jati ghalieh ghandu biss dan il fini. Ma emmx bzon ngheidu it-tfal chif icunu curati. Jecch Alla irid u 'l paiis jifima, l'Opera tmur tajieb. Din ia il hedma, din ia il prova li seira issir. Jintalab *certificat* illi jizgura illi f' id-dar ma jigix xi kerk mill genituri tat-tfal. O liema carità toffri din id-dar !

Monsignur iskof Ammi. Apos. ried jilka fil Palaz il daun l' Ahua Orsolini, incoraggiom bi cliemu, taghom

il chelmiet ta Gesù Cristu b' tifchira u signal tal fini ta l' opra taħħom *Sinite parvolos venire ad me;* ħallu it-tfal jersaku leija. Bericom u kallom: morru aħdmu ghal Alla ghaliex din iz-zergha zgheira mizrugha fis-schiet u fl' umiltà ma jistax icun li ma ticbirx, u mux biss il Belt, izda il campagni taghna ucoll ghad jarau l' Orsolini jaħdmu ghal gid tal proxxmu!

L' Orsolini ta dina ma jitolbu xein ghaliom in-nifsom, izda jitolbu lill cull min jista ighein l' opri taħħom sabiex icunu jistghu izied jaghmlu ghal gid tal proxxmu. Uma jicciaħdu min dach li jiħtieg l' ilom biex jatuħ lill' oħrain ghal carità, izda jecch icunu meghjunin izied min jista, actar jistghu icabbru dinl' opera. Oh li contu tafu il bzonniet tal fkir li biex jaħdem uliedu ixiccluħ, u il bzonn igieghlu iħalli maħkurin u mkaghbrin u ueħidom l' uliedu! Ah chem tfal ghalecch jitilghubla saħħa, chem tfal imutu, chem oħrain jitghalmu il ħazen min zghuritom! Nħallu ghal xi darb' oħra il bkia. Biss illum ngheidu illi din id-dar tiffavorixi ucoll il vocazioni religiusa illi jista icolla xi xbeiba tal pajis, illi icolla xi dota, jeu penzioni ta ghainuna biex emm isservi l' Alla. Id-dar ta dan l' Istitut ia Str. Ospedale No. 48, il Belt.

## IL MADONNA TA LOURDES

Ngheidilcom fatt chif raccuntaħ uieħed ħabib taghna, D. Ettore Malavolti ta *Finale Emilia* (Italia). Migiub ucoll fil Giardinetto di Maria, Aprile 1887. Igheid illi f' Settembru li ghadda Luigi Serra tifel ta 15 il sena iben ta famiglia onorata, fil belt Zocca, uaka f' deni illi fi ftit granet sar *tifu* mill' actar aħrax. It-tobba ma setghux jaghmlu xein biex ifeiku il Luigi, tfajiel studius u tal ghakal; u fit 28 jen stess, igheid, viaticaitu u uara nofs inhar ghamiltlu il grisma tal meut ghaliex id-deni chien kauui uisk. F'it-tmienia ta Ottubru il marda

kalbet f' enterite acuta u chien igib ħniena lill min chien jaraħ dach l' imseichen. Conna min mument għall' ieħor nistenneuħ imut. It-tarrax, ma jarax, izda jifem collox ! Jocrob mill'actar, barra min meta it-tieħ ibus il medaglia jeu ir-reliquia tal Madonna. Ommu allura b' died titlob lill Madonna taħt it-titolu ta Lourdes, u tat lill bina Luigi mgharfa ilma tal ghain miraculusa. Dach il ħin il polz chien iħabbat 158 dakka fil minuta, izda min dach il ħin beda jonkos u beda geii ghallaħiar u kaila kaila fiek. Riedumi li nicteb mal' air dan il fatt, izda jen ħalleit sitt xiur biex nghedilcom ucoll illi it-tifel ghadu tajieb u ragia mar il colleg tas-salesiani ta Firenze.

## L' ACBAR GHAGEB TAL MADONNA TA PINU F' GHAUDEX

Ghaudex 19 ta Mejiu 1887.

Il ħagia fost l' oħrain li timla b' ghageb lil cullħad ìa il gibda, cbira u tal ghageb, tan-nies lein dina il Madonna ; gibda l' ìa maghrufa taijeb figha infisha; u ficcircostanzi colla taħħa ma jistax icun li ìa ħagia naturali, geija mis-semplici curiosità; l' ankas min semplici devozioni lein il cbira Omm t' Alla, izda gibda tas-seu sopranaturali, li geija mill' istess Alla l' imbierech, li ghandu f' ideiħ il klub tal bnedmin, sabiex tigi igglorificata l' Omm maħhuba tighu, u f' dauna iz-zmeniet ta indifferenza u bruda, tissaħaħ il fidi li f' bosta mil maltin ìa ghàxia.

Min infatti taijeb josserva il continua processioni ta ktaija ktaija ta nies mil bnadi colla tal gzira ix-xortiata ta Ghaudex, u min Malta, leil u nhar, li ila izied min xahrein; mimli bil ghageb jgheid li kad ma dehret ħagia pħal dina. Izda dana ua ftit. Min iħares lein l' imgiba ta nies li seirin continuament lein daca is-santuariu imkaddes, il fidi, id-devozioni u il fervur u

saħansitra it-tkankil tal kalb, u 'l bichi, jistkar li in-nies tbiddlet li keghdin jidru mil gdid l' insara ta leulenin secoli tal Cnisia, il veri ulied u aħua tal martiri. Had ma jemmen ħlief min jara, donna saret mal gzira collha ta Ghaudex missioni generali, in-nies collha tbiddlet. Dina il mìssioni ghamlita il Vergni Santissima min dich il Cnisia minsia u imuarba.

Aħna fis-sena l' imghoddia conna tant drabi seirin nibkghu vittima ta uiħed mil castighi l' actar gbar tal tal giustizia divina min ħabba il ħazen taghna u innukkas tal fidi. Uara dina il visita ciara t' Alla l' imbierech, li forsi ma ipprofittainiex minna bizzeijed, titħarrech l' Omm ħauina tighu n b' dina il gibda sopranaturali isseiħilna kuddiem l' immagini taħħa l' actar minsia f' dauna il gzeijer, auna trattab il kalb taghua, tnissel fina tama li ma pħala, tbiddilna. Dana ìa tghamlu sabiex tbighed castighi oħra min fukna u tiekaf maghna.

Nintleu ghalecch bil ferħ, u fl' istess ħin nissieħbu ma tant divoti ghal gloria taħħa, u ghal gid ta ruħna. Izda ghandna ucoll nibzghu li jecch ma imbiddlux ħaijtna jista jigrilna pħal ma giara f'tant paijsi fein uara li saru tant ghegiubiet, rau il castighi l' actar cbar.

Nittamau izda li dana ma icunx ghat-tibdila li saret u li keghda titcompla. Nitolbu ghalecch il Vergini Santissima li chif gibdet l' ulied taħħa tal fidi, tissocta ucol tigbed tant ulied oħra tal incredultà li jinsabu ma duarna. Dana nittaman icun ghageb iħor tal M a donna ta Pinu. Sac. M. A. Farrugia

## DONNA HRAFA

Fost il consilglieri tal parlament tal Brettagna is-Sur De-la-Flauère chien mfittex min cull ħatt ghal ghakal tighu u ghal tiubitu, chien l'esempiu tal paiis, l'unur tal provincia. F' daru chellu ucoll dina il ħena ghaliex il famiglia tighu chienet ucoll tal ghakal seuua. Martu

chienet mara taiba u virtusa, mzejna b' cull xorta ta ġmiel; Chellom uliedom zeuġ titfal Carlu u Adelaide il uieħed jixbeħ lil misseru mix-xeħta li chien juri ghal ghakal, u l' oħra lill' omma fil giabra u fil ġmiel. Il missier chien imur fis-societajet bill fors u ma jonkosx min dach collu li jixrak, izda il gost tighu meta icun miġbur id-dar fis-schiet jeu ma duar il famiglia tighu.

Leila uaħda chien uieghed illi jeħu lill martu f' ballu u ma rietc jonkos min cliemu. Izda ua chien incaricat biex jaghmel rapport fuk process importanti, chienet causa illi chellom zeuġ kraba fuk 20000 franchi ta renta. Il uieħed chien negoziant ta Rennes illi mela dich il belt bil ghageb ghal lussu illi chellu, u l' oħra chienet armlu fkira li chella tifla u jecch titlef din il causa, chienet tiftakar izied u ma jibkaliex biss ghaixia ta leila Is-Sur Flauere chien inquiet ghaliex ma riedċ chiecu itellef lill dich il fkira u ma rietċ ankas jaghmel x' ingiustizia. Fil ghaxia daħlet is-Signura mzeina biex imorru il ballu. U is-Signur, biex ma jicsriliex ka lba ghajat avucat ħabib tighu, uisk capaci u tar ruħ, u kallu illi jaghmel flocu dac ir-rapport. Jen, kallu sejier naghmel leila fil ballu mħabba f' marti, u inti aghmel leila aun fl' istudiu mħabba fia ħabib tighech. Meta ghada immur fil consill, nakra ir-rapport tighech u naghmel bħacciaula tal ħrafa meta libset ir rix mux taħha.

Mar il ballu. Jara dach il lussu, dauch id-dual, dach id-dakk...collox beda jinquietaħ. Jilmaħ il dach in-negoziant, collu ferħan jigi jaghmillu complimenti, izda ua fettex ħeles minnu. Beda jaħseb f' dich l' armla...mseicna seira titlef il causa!...Chellu mitt sena li jispiccia il ballu! Fl' erba ta fil ghodu chienu id-dar; minnu fieħ mar fl' istudiu u isib lill' avucat rieket. Ir rapport izda chien lest, kraħ u rà illi chien ragionatajieb, izda ir-rebħ chien ghan-negoziant. Mseicna art mla, kal uaħdu! Imma il coscienza trid illi naghmlu

il ħakk u fit-tmienia ta fil ghodu mar is-Sur Flauere il korti u kara ir-rapport tighu.

Il mercant ħa collox u mar f' paiisu, fein xtara bosta raba. U l' imseicna armla daħlet taħdem fir-raba biex tghajiex lill binta u chienet titlob ghall' avucat taħħa ghaliex ma setghecc tħalsu xort' oħra.

Sitt snin uara is-Sur Faluére tilef il martu, izda il virtù ta uliedu chienet it-taffilu id-dispiacir tal meut t'ommom. Carlu tghallem ghal avucat u chien biex jeħu il-lauria, Adelaide chienet mitluba b' gharusa min uieħed Signur tal belt il Visconte Morvan. Leila uaħda is-Sur Faluère chien jistudia causa u ikalleb volumi illi chien ilu ma imissom, u jintaka ma carta...x' inhì ?... Din chienet document illi minnu jider ciar illi ir-ragiuni tal Causa ta l' armla chienet collha taħħa u frattant l' imseicna tilfita ghal collox ! O x' confusioni kabdet lill Consiglier Faluère !

*(tissocta)*

ARLOG LI IKASSAM ISSIGHAT LI FIGHOM GESU' CRISTU BATA IL PASSIONI U IL MEUT GHAL FIDUA TAGHNA.

*(arau in-numru ta kabel)*

Ora 9.

M. X'chien ibati ghalina Gesù Cristu fid-disgha ta fil ghodu ?

T. Chien imnazza min ħueigiu eolla u marbut fil colonna tad-disunur fein bata il għira u 'l mistħia u l calzri tal flagelli, u issuat bla ħniena.

U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesù tighi ghamel l' id-dem tighech ma icunx inutili ghalina.

Ora 10.

M. Gesú Cristu Sidna x' chien ibata ghalina fil ghaxra ta fil ghodu ?

T, Chien ibati fir-ras divina tighu curuna tax-xeueh bosta ħarxia u crudili lit-tormentatu uisk.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesù Redentur tighei ghamel illi il ħsebiet tighi ma icunux xeuch li jaħkrech u joffendich.

Ora 11.

M. Xinù li bata ghalina Gesù Cristu fil ħdax ta fil ghodu ?

T. Chellu jisma issentenza tal meut fuk is-salib, bein zeug ħallelin, bata il viag penus ghal Calvariu imghobbi bis-salib fein uaka bosta drabi ghal uicciu fl' art.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesù Redentur tighi atini irrassegnazioni mal volontà santissima tighech f' is-slaleb li joghġboch tibghatli.

Ora 12.

M. Sidna Gesù Cristu x' chien ibati ghalina f' nofs inhar ta nhar il Gimgha ?

T. Sofra piaġhi giodda, u spasmi lizied kbar flidei u fir-riglein tighu mitkubin min l' imsiemer meta chien imsammar u arbulat fis-salib.

M. U x'talba taghmel aun ?

T. Ingheid ecch. Gesù Redentur tighi ghamel illi il piaġhi tighech icunu confort ta ruħi fi'agunia tighi.

Ora 1.

M. X' inù li chien ibati ghalina Gesú Cristu fissigha fuk nofs inhar ?

T. Chien imdendel min tliet imsiemer, isofri iddagha u it-taghir ta l' Iscribi u tal Farisei, u fost tant tormenti talab il Missier Etern li jaħfrilom, uighet il Genna lil ħalliel it-tajeb u icconsegna l' Omm u Maria Santissima lil S. Giuan u il dan tahula b'bina.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesú Redentur tighi atini il grazia li ingib ruħi dejem ta iben fidil mighech, u ma ommoch Maria.

Ora 2.

M. X' chien ibati ghalina Gesù Cristu Sidna fissaghtein ta uara nofs inhar ?

T. Chien isofri Agonia l' actar penusa, chien isofri ghaċ l' actar aħrax, u chien ittormentat il fomm tighu bil ħall u il mor.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ecch: Gesú tighi nitolboch tatini il ghaċ tal giustizia, u xeuka tal ħueijeg tas-sema.

Ora 3,

M. X'talba Gesù Cristu, fit-tlieta ta fuk nöfs inhar ?

T. Uara it-tliet sighat tal Agonia bata meut infami fuk is-salib ghal imħabba taghna.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ecch: Gesù tighi nitolboch tatini l' indiema perfettu tal ħtiet tighei, meuta taiba pħal ma ghamel il ħalliel it-taijeb.

Ora 4.

M. Gheidli jech Gesù, uara li miet sofriex xi inguria ghal erbgha ta uara nofs inhar ?

T. Iva sofra f'din is-sigha dakka ta lanza fil custat sagrat tighu minna ħareg demm u ilma.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesù tighi atini il grazia li ingaudi il frot tas-sagramenti imkazzin maħrugin mil custat sagrat tighech.

Ora 5.

M. Gheidli x' ghamlu ghal xil ħamsa ta fil ghaxia bil Gisem ta Gesù mejet ?

T. Chien imnizzel mis-salib; u keduħ fil ħdan t'Ommu Maria Santissima addollorata.

M, U x' talba tagmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesù tighei atini il grazia li fl' agonia tighei incun assistit min Ommoch Maria SSma.

Ora 6.

M. Gheidli x' inù li ghamlu izied bil gisem ta Gesù meijet fis-sitta ta gheib ix-xemx ta nhar il Gimgha ?

T. Chien ibbalzmat mid-Dixipoli tighu, mitfun f' kabar gdid.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ecch: Gesù tighi atini il grazia li ir-ruħ tighei tcun degna tighech meta tigi ghandech Sagramentat, u specialment flaħħar marda tighei, ghamel li nircevich bi viaticu bix icolli ix-xiorti ingaudich u inħobboch ghal dejiem fil Glòria tal Genna, li bil Passiòni, u 'l Meut tighech inti ftaħtli. Amen.

---

BIS-SENSIA TAL CNISIA

---

*Id-Direzioni.*

Ghal min irid issieħeb } Fl'Istamperia ta G. Mifsud e Figlio Str. S. Orsola N.187c Ghan-naħħa l' oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato